# “Nadurawk, Sidna Ġesù Kristu, hawn u fil-knejjes kollha”
## Adorazzjoni Ewkaristika għal-Lejl ta’ Ħamis ix-Xirka 2026

**Innu Ewkaristiku** (jew *Dieħla ġo Qalbi*)

## Introduzzjoni

**Mit-*Twissijiet* ta’ San Franġisk ta’ Assisi** (*Admonitiones* 1, 1. 14-22)

> 1 Il-Mulej Ġesù jgħid lid-dixxipli tiegħu: *Jiena t-triq, il-verità u l-ħajja; ħadd ma*
> *jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħi.* 14 Għaldaqstant: *intom ulied*
> *il-bnedmin, kemm se ddumu twebbsu qalbkom?* 15 Għaliex ma tagħrfux fil-verità
> u ma temmnux *fl-Iben ta’ Alla*? 16 Ara, ta’ kuljum Hu jxejjen lilu nnifsu, bħal
> meta *mit-tron tas-saltna tiegħu* niżel fil-ġuf tal-Verġni; 17 ta’ kuljum jiġi
> għandna taħt dehra tassew umli; 18 ta’ kuljum jinżel minn ħdan il-Missier fuq
> l-altar f’idejn is-saċerdot. 19 U, kif Hu wera ruħu lill-appostli qaddisa fil-ġisem
> veru tiegħu, hekk juri ruħu lilna fil-ħobż imqaddes. 20 Kif huma għarfu li
> bl-għajnejn tal-ġisem ma kinux biss jaraw il-ġisem tiegħu, imma kienu jemmnu
> li hu tassew Alla meta kienu jikkontemplawh bl-għajnejn tal-ispirtu, 21 hekk
> ukoll aħna naraw il-ħobż u l-inbid bl-għajnejn tal-ġisem, imma nemmnu
> bil-qawwa li dawn huma tassew il-ġisem u d-demm l-aktar qaddisa tiegħu ħaj
> u veru. 22 U b’hekk il-Mulej hu dejjem ma’ dawk li jemmnu fih, kif hu nnifsu
> jgħid: *Ara jiena magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien.*

Hekk kif, bħala Knisja universali, qed infakkru t-800 sena mill-mewt ta’ San Franġisk, b’dawn it-twissijiet tiegħu ejjew nidħlu f’din is-siegħa ta’ sahra mal-Mulej f’dan l-lejl qaddis ta’ dawl u dlam: id-dawl tal-fuklar taċ-ċenaklu u d-dlam ta’ barra; id-dawl li jimxu fih id-dixxipli ta’ Ġesù għax huwa hu d-Dawl tad-dinja, u d-dlam ta’ Ġuda u l-għases u s-suldati li marru għal Ġesù biex jarrestawh u li, minkejja t-torċi u il-fanali, xorta jibqgħu fid-dlam tan-nuqqas ta’ fidi; il-lejl ta’ żeblieħ mingħajr irqad, f’kuntrast mal-għodwa li fiha Sid il-ħolqien jiġi kkundannat, u mill-ġdid taqa’ d-dalma fuq il-pajjiż kollu—u tassew fuq id-dinja kollha, kif jagħtuna ħjiel diversi sorsi mhux Insara tal-istess żmien—u f’kuntrast ukoll mal-istennija għad-dawl tal-qawmien fl-ewwel jum tal-ġimgħa tal-ħolqien il-ġdid.
Imma għalissa nishru u nistennew. U llejla dan se nagħmluh flimkien mal-fqajjar ta’ Assisi, immarkat bil-pjagi tal-Mulej fuq ġismu u b’ġenbu miftuħ biex minn qalbu tnixxi fuqna l-għajn tal-ilma tal-ħajja li wiegħed il-Mulej. Ejjew, permezz ta’ kliem San Franġisk, illejla nħallu jiddi fuqna sebħ il-Mulej, aħna u nqimuh u nadurawh u nħalluh jixħet raġġ mid-dija tal-għaġeb tiegħu fuqna u jagħtina s-sliem.

Fl-isem tal-Missier, u tal-Iben, u tal-Ispirtu s-Santu. Ammen.

## Viżta lil Ġesù Ewkaristija

Naduraw lill-Mulej preżenti quddiemna permezz ta' versi li Franġisku kiteb f'estasi ta' mħabba eżatt wara li ġie mwaħħad b'mod hekk straordinarju mal-Imħallem tiegħu meta rċieva l-pjagi tas-sinjur tagħna Ġesù Kristu—talba magħrufa bħala *Tifħir lil Alla l-Għoli*.

Int waħdek qaddis, Mulej Alla, li tagħmel ħwejjeġ tal-għaġeb.
Int qawwi, int kbir, int l-aktar għoli,
inti s-sultan li tista' kollox, Missier qaddis, sultan tas-sema u tal-art.
*Missierna*, *Sliema*, u *Glorja*

Inti wieħed fi tliet persuni, Mulej Alla fuq l-allat.
Inti tjieba, kull tjieba, fuq kull tjieba, Mulej Alla ħaj u veru.
*Missierna*, *Sliema*, u *Glorja*

Inti mħabba, int karità;
int għerf, int umiltà, int sabar, int sbuħija, int ta' qalb ħelwa;
int sigurtà, int ħemda, int ferħ, int it-tama u l-ferħ tagħna,
int ġustizzja, int qjies, inti l-għana kollu li biha nixbgħu.
*Missierna*, *Sliema*, u *Glorja*

Int ġmiel, int ħlewwa, int ħarries, int li tgħasses fuqna u tħarisna;
int qawwa, int is-serħan tal-qalb.
*Missierna*, *Sliema*, u *Glorja*

Inti t-tama tagħna, inti l-fidi tagħna, int l-imħabba tagħna,
inti l-ħlewwa kollha tagħna, inti l-ħajja ta' bla tmiem tagħna.
Mulej Alla, li tista' kollox, kbir u tal-għaġeb, Feddej ta' ħniena.
*Missierna*, *Sliema*, u *Glorja*

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna*, *Sliema*, u *Glorja*

***Nota:*** *flok il-Missierna, Sliema, u Glorja, jista' jingħad dan il-vers tant għal qalb San Franġisk, hekk li jnizzlu fit-testment tiegħu:* **Nadurawk, Sidna Ġesù Kristu, hawn u fil-knejjes kollha tiegħek, li jinsabu fid-dinja kollha.**

**Innu Ewkaristiku** (*Waslet is-Siegħa*)

## Fiċ-ċenaklu: ħbieb, aħwa u ommijiet ta' Ġesù

Permezz tal-ewwel ittra li kiteb lill-Insara, l-aktar biex iħeġġeġ lil dawk li jagħmlu penitenza, Franġisku llejla se jgħinna nidħlu fil-kamra ta' fuq fejn l-Imgħallem

Divin tagħna, wara li kiel l-aħħar ikla mad-dixxipli tiegħu, bil-ħerqa talab għal dawk li hu għażel għalih, u għalina lkoll li għad nemmnu fih.

> [11] O kemm hi ħaġa glorjuża li jkollok Missier qaddis u kbir fis-sema! [12] O kemm hu qaddis, paraklitu, sabiħ u tal-għaġeb li jkollna Għarus bħal dan! [13] O kemm hu qaddis u ta' min iħobbu, kemm jogħġob, kemm hu umli, mimli sliem, ħelu u ta' min iħobbu u jixtiequ fuq kollox li jkollna ħuna u Iben bħal dan: il-Mulej tagħna Ġesù Kristu, li offra ħajtu għan-nagħaġ tiegħu [14] u talab lill-Missier filwaqt li qal: *Missier, qaddis, ħarishom f'ismek, lil dawk li tajtni fid-dinja; kienu tiegħek u inti tajthom lili.* [15] U *l-kelma li inti tajt lili, jiena tajtha lilhom; u huma laqgħu u* emmnu *tassew, li jiena ħriġt minnek u* għarfu *li kont int li bgħattni.* [16] Nitlob għalihom *u mhux għad-dinja.* [17] Berikhom u *qaddishom, u jiena minħabba fihom nikkonsagra lili nnifsi.* [18] *Ma nitlobx biss għalihom, imma għal dawk li emmnu fija bis-saħħa tal-kelma* tagħhom , *biex ikunu mqaddsin f'ġisem wieħed bħalna.* [19] Missier, irrid, *li fejn inkun jien ikunu huma wkoll miegħi, biex jaraw il-glorja tiegħi fis-saltna tiegħek* . Ammen.
>
> (San Franġisk, *Epistola ad Fideles I*, 11-19)

Mulej Ġesù, kemm hu ta' faraġ għalina dal-kliem meta niftakru li, f'dak il-lejl tremend, inti, mhux talli batejt għalina, talli wkoll tlabt għalina biex fina l-fidwa tiegħek issir salvazzjoni. Tlabt għalina biex nilqgħu l-imħabba tiegħek, inħalluk tħobbna, u hekk tkeċċi minnha kulma hu tad-dinja biex fiha jkun hemm biss imħabba għalik u għal ħutna. Mhux ta' b'xejn li l-fqajjar Franġisku thenna u feraħ b'"dawk li *jħobbu* lill-Mulej *b'qalbhom kollha, b'ruħhom kollha u b'moħħhom kollu, u bis-saħħa tagħhom kollha*, u li jħobbu lill-proxxmu tagħhom bħalhom infushom." U, mhux talli thenna, talli dan il-kliem għadu jħeġġeġ lilhom u, magħhom, lilna, biex, aħna u nagħmlu dan kollu u nżommu sħaħ fih sal-aħħar, inħallu fuqna jistrieħ l-Ispirtu tiegħek u jgħammar fina sabiex insiru dan l-istess ċenaklu ta' mħabba; insiru qisna d-dar tal-qadi u l-imħabba tal-aħwa Marta, Marija, u Lazzru; inkunu tassew ħutek, ommok, u ħbiebek. Inkunu maħbuba, ħbieb, tiegħek meta ruħna, mimlija fidi, tingħaqad miegħek fl-Ispirtu s-Santu. Inkunu tassew ħutek meta nagħmlu r-rieda tal-Missieru li hu fis-smewwiet, kif għamilt int minn dejjem u għal dejjem bħala l-Iben etern, u bħala bniedem saħansitra sat-tixjin tiegħek fil-mewt u d-difna. Inkunu ommijiet tiegħek meta nġorruk fil-qalb u fil-ġisem tagħna bi mħabba divina u b'kuxjenza safja u sinċiera; meta nwellduk bl-għemejjel qaddisa, li għandhom jiddu quddiem id-dinja bħala xhieda ħajja ta' din l-imħabba bla qies tiegħek (ara *Epistola ad Fideles I*, 1-10).

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Inkomplu nkabbru lill-Mulej, aħna u nqimuh b'dehwa b'dan il-lejl ta' tbatijiet ħorox, billi mal-qaddis serafiku ntennu l-vers "Infaħħruh u ngħolluh fuq kollox għal dejjem" li bih jagħlaq dawn l-invokazzjoni li ġejjin, li San Franġisk ġabarhom

flimkien minn partijiet differenti tal-Kotba Mqaddsa u għaqqadhom f'għanja ta' tifħir lil Ġesù fis-sigħat kollha tat-talb (*Laudes ad Omnes Horas Dicendae* 1-3. 5-11). Ngħidu flimkien: ***Infaħħruh u ngħolluh fuq kollox għal dejjem.***

1 Qaddis, qaddis, qaddis, il-Mulej Alla li jista' kollox,
li hu u li kien u li għad irid jiġi.
2 Jistħoqqlu l-Mulej, Alla tagħna, li jirċievi
t-tifħir, il-glorja u l-ġieħ u l-barka. ***R/.***

3 Jistħoqqlu l-ħaruf, li kien maqtul, li jirċievi
l-qawwa u d-divinità u l-għerf u s-setgħa
u l-ġieħ u l-glorja u l-barka.
5 Bierku għemejjel kollha tal-Mulej, il-Mulej. ***R/.***

6 Faħħru 'l Alla tagħna, intom il-qaddejja kollha tiegħu,
li tibżgħu minn Alla, iż-żgħar u l-kbar. ***R/.***
7 Ħa jfaħħruh is-sema u l-art, hu li hu glorjuż.
8 Ħa jfaħħruh il-ħlejjaq kollha li huma fis-sema u fuq l-art
u taħt l-art u fil-baħar b'kulma fih. ***R/.***

9 Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.
10 Kif kien mill-bidu, issa u dejjem,
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen. ***R/.***

11 **Talba**: O Alla li tista' kollox, l-aktar qaddis, l-aktar għoli u kbir, int tjieba, l-ogħla tjieba, kull tjieba, inti waħdek tajjeb, nagħtuk kull tifħir, kull glorja, kull grazzja, kull ġieħ, kull barka u rroddulek kull ma hu tajjeb. Hekk ikun. Hekk ikun. Amen.

**Innu Ewkaristiku** (Fejn issib l-imħabba u l-għożża)

## Fuq l-Għolja taż-Żebbuġ: ir-rieda li tintreħa fir-rieda tal-Missier

**Mit-*Tieni Ittra lill-Insara* ta' San Franġisk ta' Assisi** (2, 4-22)

4 Il-miġja mis-sema ta' dan l-istess Verb tal-Missier, hekk miqjum, hekk qaddis
u glorjuż, kienet imħabbra mill-Missier l-aktar għoli nnifsu permezz tal-anġlu
qaddis tiegħu Gabrijel lill-qaddisa u glorjuża Verġni Marija. Mill-ġuf tagħha ħa
ġisem veru bħal tagħna u libes l-istess dgħufija tagħna l-bnedmin. 5 Hu, *għad li*
*kien għani* bil-bosta, ried b'danakollu, flimkien mal-Verġni l-aktar qaddisa,
ommu, jagħżel il-faqar. 6 U meta qorbot il-passjoni tiegħu ċċelebra l-Għid mad-
dixxipli tiegħu, u, waqt li ħa l-ħobż, radd il-ħajr u bierku u qasmu, filwaqt li qal:
7 *Ħudu u kulu, dan hu ġismi*. U *ħa l-kalċi f'idejh* u qal: *Dan hu demmi tal-patt il-*
*ġdid, li jixxerred għalikom u għall-bnedmin kollha għall-maħfra tad-dnubiet*. 8
Imbagħad talab lill-Missier u qal: *Missier, jekk jista' jkun, warrab minni dan il-*

> *kalċi.* 9 *U l-għaraq tiegħu sarlu bħall-qtar tad-demm iċarċar sal-art.* 10 Imma hu
> reħa r-rieda tiegħu fir-rieda tal-Missier u qal: *Missier, ikun dak li trid int*; *mhux*
> *dak li rrid jien, imma dak li trid int.* 11 Ir-rieda tal-Missier kienet din: li l-Iben
> tiegħu mbierek u glorjuż, li ġie mogħti lilna u li twieled għalina, joffri lilu nnifsu
> bid-demm tiegħu stess b'sagrifiċċju u vittma fuq l-altar tas-salib. 12 Dan għamlu
> mhux għalih innifsu, hu li bih sar kollox, imma għal dnubietna, 13 u hekk
> iħallielna eżempju, biex nimxu fuq il-passi tiegħu.

Kemm drabi, Mulej Ġesù, fil-ħajja nsibu ruħna fuq l-għolja taż-żebbuġ tagħna—l-għolja tal-biża', id-dubji, in-niket, it-tbatija, il-qtigħ il-qalb, il-mard, il-mewt u l-firda. Kemm drabi nsibu ruħna msallbin, jew insallbu aħna lil ħaddieħor u mbagħad ninħakmu minn sens ta' ħtija hekk kbir li jfixkilna milli nemmnu fil-ħniena tiegħek. X'taqbad tagħmel f'ċirkostanzi bħal dawn? X'taqbad tgħid? Kif se naġixxu? Kif suppost inġibu ruħna? Hemm soluzzjoni jew tweġiba, inqar jekk biss parzjali?
Inti wkoll, fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, saqqejt l-art bid-dmugħ u bl-għaraq tad-demm tiegħek meta fl-umanità tiegħek issarajt biex taċċetta r-rieda divina tas-salib. Art li sal-lum għadha tixhed din it-taqbida fl-istess isem tal-poplu li jgħoddha b'tiegħu: Iżrael, għall-patrijarka Ġakobb, dak li ssara ma' Alla u mal-bnedmin (ara Ġen 32, 23-33). Imma inti rbaħt din is-sara billi tlift, ħriġt rebbieħ—u miegħek rebbaħt lilna—proprju billi rħejt ir-rieda tiegħek fir-rieda tal-Missier. Qalb il-friegħi u l-weraq taż-żebbuġ jitliegħbu maż-żiffa tal-lejl taħt qamar mimli, f'dik il-ħemda mwaħħxa biss mill-ħsibijiet tqal u l-piż ta' dnub l-umanità li bih sfajt mgħobbi, inti wrejtna li l-ikbar libertà nsibuha meta noffruha; meta nwaħħduha ma' tal-Missier; meta, aħna fik u inti fina, aħna miegħek u inti magħna, insiru offerta ħielsa lill-Missier sabiex fina sseħħ ir-rieda kollha mħabba tiegħu għall-ħolqien, u hekk tassew ikun jista' jseħħ il-kliem li joħroġ minn qalbna u minn fommna fit-talba li għallimtna inti: "tiġi saltnatek, ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art" (Mt 6, 10). Ħa tiġi saltnatek fostna, Mulej. Ħa nagħmlu l-wisa' biex fid-dinja kollha tinfirex is-setgħa u s-saltna tiegħek, saltna ta' verità u ħajja, saltna ta' qdusija u grazzja, saltna ta' ġustizzja, imħabba, u sliem (*Lumen Gentium*, par. 36).

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Ejjew ningħaqdu fid-dispożizzjoni tagħna li anke fina, bħal fi Kristu, b'libertà r-rieda tagħna tintreħa fir-rieda ta' Alla, billi nitolbu Salm 31 u, magħqudin ma' Kristu, inwieġbu lill-Missier: ***F'idejk, Mulej, jien nerħi ruħi.***

Salm 31, 2-3. 4-6. 10-11. 12-13. 15-17

2 Fik, Mulej, jien nistkenn;
ma jkolli qatt għax nirgħex.
Fil-ġustizzja tiegħek salvani,
3 agħtini widen u fittex eħlisni.

Kun blata tal-kenn għalija,
fortizza qawwija ta' salvazzjoni. **R/.**

4 Inti l-blata u l-fortizza tiegħi;
f'ġieħ ismek mexxini u wassalni.
5 Oħroġni mix-xibka li ħbew għalija,
għax inti l-qawwa tiegħi.
6 F'idejk jien nerħi ruħi;
int teħlisni, Mulej, Alla tas-sewwa. **R/.**

10 Ħenn għalija, Mulej, għax ninsab fil-hemm,
infnew għajnejja minħabba d-dwejjaq,
ruħi wkoll u l-ġewwieni tiegħi.
11 Infniet ħajti bl-għali,
u bl-ilfiq is-snin ta' ħajti;
minħabba fil-hemm naqsitni saħħti,
u tmermer għadmi kollu. **R/.**

12 Minħabba l-għedewwa tiegħi kollha,
jien sirt ħaġa ta' min ikasbarha;
jitwerwru l-ġirien tiegħi,
u min jafni jibża' minni.
Dawk li jarawni barra jaħarbu minni.
13 Insewni bħal wieħed mejjet,
sirt bħal ġarra mkissra. **R/.**

15 Imma jien fik nittama, Mulej;
jien ngħidlek: "Alla tiegħi int!"
16 F'idejk hi xortija,
eħlisni minn id l-għedewwa,
minn id dawk li jeħduha kontrija.
17 Uri d-dawl ta' wiċċek lill-qaddej tiegħek;
fit-tjieba tiegħek eħlisni. **R/.**

**Innu Ewkaristiku** (*Nada te turbe – Tħallix xi Jtaqqlek*)

## Il-Golgota: insammru l-ħarsa tagħna fuq ir-Ragħaj imsallab

**Mit-*Twissijiet* ta' San Franġisk ta' Assisi** (*Admonitiones* 6, 1-2)

1 Ħuti, ejjew ilkoll kemm aħna nsammru l-ħarsa tagħna fuq ir-ragħaj it-tajjeb, li biex isalva n-nagħaġ tiegħu sofra l-passjoni fuq is-salib. 2 In-nagħaġ tal-Mulej imxew warajh fit-tiġrib u fil-persekuzzjoni, fil-għajb u fil-ġuħ, fil-mard u fit-tentazzjoni u f'kull prova oħra; u ta' dan kollu ħadu bħala premju mingħand il-Mulej il-ħajja ta' dejjem.

Aħna wkoll, bil-ħarsa tagħna msammra fuq il-Ħaruf ta' Alla li jirgħa l-merħla tiegħu bħala r-Ragħaj tajjeb u sabiħ tagħha, anke tul il-widien mudlama sakemm iwassalha għall-mergħat ta' dejjem, ejjew irressqulu t-talb tagħna għall-Knisja u għad-dinja.

- Aħbi fil-qalb minfuda tiegħek lill-Knisja mqaddsa, għarusa tiegħek u l-ġisem mistika tiegħek, mogħnija bil-qdusija tiegħek u bil-grazzja tas-sagramenti, imma wkoll feruta minħabba d-dnubiet tagħna. Nitolbu.
- B'idejk minfuda, ħaddan miegħek, nitolbuk, Mulej, lid-dinja kollha f'din is-siegħa ta' dlamijiet, sabiex il-bnedmin kollha jagħrfu jgħixu flimkien fl-għaqda u l-ġustizzja, li mingħajrhom ma jistax ikun hemm paċi ġenwina. Nitolbu.
- Qawwi l-idejn tas-saċerdoti sabiex minnhom tibqa' tfewwaħ ir-riħa tfuħ ta' żejt l-hena tal-konsagrazzjoni tagħhom lilek għall-qadi tal-poplu tiegħek, u kompli sejjaħ minn fostna żgħażagħ li jkollhom il-kuraġġ iħallu kollox, jerfgħu s-salib tar-rieda kollha mħabba tiegħek, u jimxu warajk. Nitolbu.
- Agħti l-fejqan u l-ħelsien lil dawk kollha morda bil-lebbra tad-dnub u l-vizzju, tad-droga u tax-xorb, tal-vjolenza u tal-mibegħda; il-lebbra tal-iżolament u s-solitudni, tal-nuqqas ta' saħħa fil-ġisem, fil-moħħ, u fir-ruħ; il-lebbra tal-kburija u tas-suppervja, jew tas-sens ta' inferjorità; il-lebbra ta' dak kollu li jbaxxi d-dinjità tal-bniedem. Nitolbu.
- Ibdel fil-pjagi feddejja tiegħek il-kallijiet f'riġlejn dawk li huma impenjati fil-Knisja u fis-soċjetà biex ifittxu u jsibu lil min hu mitluf, ħalli jkunu tassew jifilħu jimxu ma' dawk li sabu ruħhom imwaħħla, u jakkumpanjaw lil ħuthom fiċ-ċirkostanzi kollha tagħhom. Nitolbu.
- Sieħeb fid-dawl tal-għaġeb tiegħek lil dawk li żarithom oħtna l-mewt tal-ġisem, u eħlishom mill-mewt ta' dejjem. Nitolbu.

O Alla l-aktar għoli u glorjuż, dawwal id-dlamijiet ta' qalbi. Sawwab fija fidi vera, tama ċerta u mħabba perfetta. Agħtini, Mulej, li nħoss u nagħraf lilek, biex nagħmel ir-rieda vera u mqaddsa tiegħek. Ammen.

(San Franġisk, *Talba quddiem il-Kurċifiss*)

**Innu Ewkaristiku** (*'Tina l-Ħlewwa*)

Fl-isem tal-Missier, u tal-Iben, u tal-Ispirtu s-Santu. Ammen.

Fil-jum tal-Ġimgħa l-Kbira, meta Kristu, il-Ħaruf tal-Għid tagħna, kien maqtul (1 Kor 5, 7), il-Knisja timmedita fuq il-Passjoni tal-Mulej u l-Għarus tagħha, tqim is-salib, tfakkar it-tnissil tagħha mill-ġenb minfud ta' Kristu, u tinterċedi għas-salvazzjoni tad-dinja kollha.